MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 444/2004

**Carmelo sive Charles Dingli**

**vs**

**Godwin Ciantar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Frar, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsa u sebghin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm275.34) rapprezentanti valur ta' arretrati ta' licenzja (road licence) dwar il-vettura Morris Marina B9423 imhallsa mill-attur lid-Direttur tat-Traffiku fl-interess u ghall-beneficcju tal-konvenut stante li l-istess vettura ilha fil-pussess tal-konvenut sa mil-1986;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri kollha precedenti u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-2 t'April, 2004 fejn intqal illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kollha kontra tieghu peress illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante fost affarijiet ohra li din il-vettura ma setghetx tintuza mill-konvenut fit-triq b'tort unikament ta' l-attur kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmelo Dingli, Brian Farrugia, Godwin Ciantar u Mario Dingli. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. L-attur qed jitlob il-hlas ta' arretrati ta' licenzja dwar il-vettura Moris Marina B9423 li hu hallas lid-Direttur tat-Traffiku fl-interess tal-konvenut.**

**2. Il-konvenut qed ighid li l-vettura msemmija ma setghax juzaha fit-triq u dana tort ta' l-attur.**

**3. Id-DOk CD 1 juri l-pagament effetwat mill-attur lid-Direttur tat-Traffiku fil-25 ta' Frar, 2003 u mieghu hemm id-Dok CD 2 li juri li l-ammont kien qed jithallas taht protesta u b'ordni tal-Qorti tal-Magistrati.**

**4. Jirrizulta li l-vettura msemmija kienet giet impurtata Malta fil-5 ta' Awissu, 1985 u kienet giet mixtrija mill-konvenut u dana skond affidavit prezentat mill-attur Dok CD 3 lid-Dipartiment tal-Licenzji.**

**5. Jirrizulta illi l-vettura ilha ghand il-konvenut mill-1986. Dak iz-zmien il-konvenut kien halla d-dokumenti tat-transfer tal-karozza ghand l-attur li iffirmahom u baghthomlu lura. Sussegwentement fis-sena 2001 l-attur ircieva citazzjoni dwar it-trasferiment ta' l-imsemmija karozza u, l-Qorti kienet ordnatlu li jhallas u jaffettwa t-transfer u hu fil-fatt hekk ghamel.**

**6. Il-vettura li qabel kellha n-numru B9423 jirrizulta illi llum ghandha n-numru BBN-642. Skond Brian Farrugia skrivan mill-licensing office, l-karozza kienet ilha fil-pussess tal-konvenut u dana dejjem skond l-affidavit Dok CD 3 li jidher li gie pprezentat fis-17 ta' Gunju, 1992.**

**7. Jirrizulta li l-karozza originarjament kienet giet impurtata bhala vann u kienet saret talba biex isir bdil ghal "*open vehicle with side windows",* u dana kif jirrizulta mill-minuta numru 37 esebita fid-Dok BF 1 u datata 16 ta' Frar, 1989. Skond l-istess xhud l-ahhar licenzja thallset fis-26 ta' Frar, 2003. Jirrizulta wkoll li t-transfer ma kienx jigi registrat li kieku l-attur ma hallasx l-arrettrati tal-licenzji mitluba. Ghalhekk ghalkemm it-transfer gie ffirmat fil-1996 dan gie registrat biss meta thallsu l-arretrati. Pero' fir-rigward, rilevanti l-minuti 47 sa 55 iffirmati mill-istess Brian Farrugia. Minn dawn jirrizulta illi kienet imliet in-notice of transfer fis-16 ta' Lulju, 1996 (minute 51 fid-Dok BF 1).**

**8. L-istess konvenut jammetti illi hu kien juza l-imsemmija karozza u waqaf juzaha peress illi kienet gholja wisq ghalih biex ihallas zewg assikurazzjonijiet, ghalhekk ighid li talab lill-attur sabiex isir it-transfer. Skond il-konvenut it-transfer sar fit-2003 u mhux fil-1992.**

**9. Il-konvenut ighid illi hu kien iggraxxja l-vettura u jammetti illi ghamel modifiki fiha biex flok van, igibha karozza saloon.**

**10. Tenut kont ta' dan li ntqal jirrizulta illi huwa minnu li l-karozza imsemmija kienet ilha zmien twil ghand il-konvenut. Ma hix skuza li l-konvenut ma setghax juzaha ghaliex kellu jhallas zewg assikurazzjonijiet. Ma jirrizultax lanqas li l-attur ipprova jostakola lill-konvenut mill-uzu tal-vettura. Tant hu hekk illi l-istess konvenut kien bidel in-natura tal-vettura u quddiem l-istess Brian Farrugia sa mill-1996 kienet imtliet in-*notice of transfer.* Jirrizulta illi l-attur kien qed jinsisti li t-transfer isehh.**

**11. Huwa evidenti mid-Dok XY, li hi sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 19 ta' Frar 2003 illi kien gie ordnat illi jsir it-transfer imsemmi. Pero' fir-rigward it-Tribunal jirrileva illi dawk il-proceduri kriminali huma kompletament indipendenti mill-proceduri odjerni. Ma jistax jigi accettat il-fatt illi l-konvenut li kellu l-pussess tal-vettura u li sussegwentement gie konfermat bhala proprjetarju taghha ma jhallasx il-licenzji ghal perjodu li tulu kienet fil-pussess tieghu.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm275.34). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-4 ta' Marzu, 2004 u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------